MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 447/2009

**Techinvest Limited C-26203**

**vs**

**David Vassallo**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Gunju 2009, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Euro174.69c (mija u erbgha u sebghin ewro u sitta u disghin centezmu) rapprezentanti valur ta' servizzi ta' internet provduti lill-konvenut fuq inkariku tieghu mis-socjeta Nextweb Limited li in segwitu ttrasferiet id-drittijiet kreditarji taghha lis-socjeta attrici u dana kollu kif jirrizulta minnn tliet dokument annessi mal-odjern avviz markati Dok A, B u C;

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet mid-data tal-fattura.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni ta’ l-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-17 ta Settembru 2009 meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u la ghas-seduta tal-21 ta Jannar 2010 meta rega ssejjah in subizzjoni u anqas ghas-seduta ta’ llum meta ghal darba ohra rega ssejjah in subizzjoni u kwindi ghalhekk in-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokument esebit.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal qieghed jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta’ Euro174.69c (mija u erbgha u sebghin ewro u sitta u disghin centezmu) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-fattura cioe mill-14 ta’ Lulju 2008 u bl-ispejjes kollha ta’ din l-istanza hekk kif rikjesti kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------